# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 19 ta' Gunju, 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Claire Borg)**

**vs**

**Josef Grech**
**Omar Caruana u**
**Vincent Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Josef Grech ta' 27 sena, bin Martin u Dorothy nee' Caruana, imwieled Pieta' fl-24 ta' Mejju 1981, residenti f' 'St Joseph', 5, Triq Matthew Callus, Marsa, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 267081(M);

Omar Caruana ta' 30 sena, bin Maurice u Maria Lourdes nee' Grima, imwieled Pieta' fil-21 ta' Settembru 1978, residenti f'10, Triq Manuel Buhagiar, Tarxien, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 440178(M); u

Vincent Farrugia ta' 62 sena, bin Charles u Margaret nee' Xerri, imwieled Valletta fit-2 ta' Mejju 1946, residenti f'Wighan Flats, Flat 4, Triq Apap Bologna, Marsaskala, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 400246(M);

Akkuzati talli:

F'dawn il-Gzejjer, fl-20 ta' Jannar 2009 u fil-jiem ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifici foloz, jew billi inqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh ta' hamsa u ghoxrin elf, seba' mija u erbghin ewro u hamsin centezmu (€25,740.50) ghad-dannu tal-Maltapost plc.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tat-30 ta' April 2012, fejn deherlu li tista' tinstab htija taht:

A. Josef Grech:
    1. Fl-artikoli 18, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
B. Omar Caruana:
    1. Fl-artikoli 18, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
C. Vincent Farrugia:
    1. Fl-artikoli 18, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lill-imputati jiddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni sabiex dan il-kaz jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bil-procedura sommarja.

Rat id-digriet taghha tal-5 ta' Frar 2014, fejn fuq talba tal-Prosekuzzjoni ordnat is-separazzjoni tal-gudizzju ghar-rigward l-imputat Vincent Farrugia.[1]

[1] Ara fol. 174 tal-process.

Rat id-digriet taghha tal-1 ta' Settembru 2017, fejn fuq talba tal-Prosekuzzjoni hija irrevokat *contrario imperio* id-digriet taghha tal-5 ta' Frar 2014 fejn kienet ordnat is-separazzjoni tal-gudizzju ghar-rigward l-imputat Vincent Farrugia, stante li f'din il-kawza ma sar xejn ghax id-difiza baqghet tistenna it-tkomplija tal-proceduri tal-kawza l-ohra "Il-Pulizija vs Vincent Farrugia". F'dan id-digriet, din il-Qorti ordnat li l-proceduri gudizzjarji kontra l-imputat Vincent Farrugia jergghu jigu maqghuda ma' dawn il-proceduri.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Fiz-zmien rilevanti, l-imputati kienu jokkupaw il-karigi ta' President (l-imputat Vincent Farrugia), Segretarju (l-imputat Josef Grech) u Tezorier (l-imputat Omar Caruana) tas-Socjeta Filarmonika Lourdes ta' Rahal Gdid, maghrufa ukoll bhala s-Socjeta Filarmonika Lourdes Paola A.D. 1977, maghrufa ukoll bhala l-Kazin tal-Banda Lourdes ta' Casal Paola;

2. L-imputati Josef Grech, Vincent Farrugia u Omar Caruana kienu firmatarji kongunti ghal kont bankarju tas-Socjeta Filarmonika Lourdes A.D. 1977 bin-numru 200589276, liema kont kien mizmum mal-APS Bank Limited.

3. L-imputati Josef Grech u Omar Caruana kienu ukoll firmatarji kongunti ghal kont bankarju f'isem is-socjeta Ghaqda Muzikali Santu Wistin AD 2007, li jgib in-numru 20000628428, liema kont kien mizmum mal-APS Bank Limited ukoll.

4. Sa minn Novembru 2008, l-imputati kienu johorgu cekkijiet tal-APS mill-kont tas-Socjeta Filarmonika Lourdes AD 1977 a favur tas-socjeta Maltapost p.l.c. (il-quddiem imsejjha "Maltapost"), sabiex jixtru money orders mill-istess Maltapost, jiddepozitaw dawn il-money orders fl-istess kont bankarju taghhom tal-APS, u sussegwentement

johorgu cekkijiet ohra mill-istess kont favur terzi. Din il-manuvra tissejjah *kite-flying*, ghax dak li jkun ikun qed jaghti bilanc ta' kreditu fittizju sakemm finalment, kif anke gara allegatament f'dan il-kaz, xi hadd imbaghad jigi espost ghal cekkijiet li finalment ma jissarfux.

5. Din il-manuvra baqghet ghaddejja tul ix-xahar ta' Dicembru 2008, u nel frattemp kienu qed jinhargu wkoll hafna flus mill-kont tal-bank.

6. Bejn it-3 ta' Jannar 2009 u l-14 ta' Jannar 2009, inxtraw 64 money orders ghall-ammont globali ta' €36,040 u dan permezz ta' hmistax (15)-il cekk tal- APS, li tlettax (13) minnhom kienu mahruga mill-kont bankarju li jghajjat lis-socjeta Filarmonika Lourdes A.D. 1977, fil-waqt li tnejn (2) ohra mahruga mill-kont bankarju f'isem is-socjeta Ghaqda Muzikali Santu Wistin AD 2007, u l-ammont ta' cekkijiet kien ta' €36,152.00. Mill-money orders imsemmija gew imsarrfa biss money orders fl-ammont ta' €25,740.50. Peress li c-cekkijiet tal-APS ma kienux qieghdin jissarfu ghax ma kienx hemm bizzejjed fondi fil-kont, is-socjeta Maltapost ghamlet *stop payment* fuq il-kumplament tal-money orders tal-valur totali ta' €10,411.50.

7. L-APS irrapporta dan il-fatt lill-Pulizija u, wara d-debita investigazzjoni, gew istitwiti il-proceduri kriminali odjerni kontra l-imputati.

## Konsiderazzjonijiet dwar Htija

### *L-Ewwel Kwistjoni Preliminari – l-Ammissibilita tal-Istqarrija tal-Imputati*

L-istqarrija tal-imputati ittiehdet fi zmien meta l-ligi Maltija ma kienitx tippermetti l-assistenza legali qabel l-interrogatorju.

L-istqarrija tal-imputat Omar Caruana giet sfilzata minn dawn il-proceduri, fuq talba tieghu stess, b'digriet ta' din il-Qorti tal-14 ta' Dicembru 2016,[2] u dan konformi mal-insenjament tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza taghha **Mario Borg vs Malta**, deciza fit-12 ta' Jannar 2016.

[2] Ara fol. 196 tal-process.

Iz-zewg imputati l-ohra ma ghamlux talba simili. Fil-kaz tal-imputat Vincent Farrugia, dan ghazel jixhed f'dawn il-proceduri u kkonferma bil-gurament tieghu l-istqarrija rilaxxata minnu lill-Ufficjal Prosekutur.[3]

L-imputat Josef Grech ukoll ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri u fix-xhieda tieghu irrefera ghal dak li qal fl-istqarrija tieghu.[4]

F'dawn ic-cirkustanzi, il-Qorti mhix se tiskarta l-istqarrijiet taghhom, stante li fil-fehma kunsidrata taghhom, la darba dawn iz-zewg imputati, debitament assistiti mill-avukat difensur taghhom, irreferew ghall-istqarrija taghhom fix-xhieda taghhom minghajr ebda riserva, l-insenjament tas-sentenza ta' **Borg** ma japplikax ghal kaz taghhom.

*Il-Meritu*

Skond il-gurisprudenza stabbilita ta' dawn il-Qrati, meta fi proceduri bhal dawk odjerni, ikun hemm zewg ko-imputati, jew aktar, bhal fil-kaz odjern, ix-xhieda jew kull dikjarazzjoni ohra maghmula minn ko-imputat wiehed mhux ammissibbli fil-konfront tal-ko-imputat l-iehor, kemm jekk din ix-xhieda tkun favur u kemm jekk tkun kontra l-iehor. Dan gie ribadit fid-digriet tal-Qorti Kriminali[5] tat-22 ta' Dicembru 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. *omissis* Ian Farrugia**, fejn gie ritenut hekk: *"Il-gurisprudenza hija cara fuq dan il-punt: persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur, bl-istess reat migjub kontra akkuzat iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuzat l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz. Dan il-principju japplika sia jekk dik il-persuna tkun giet akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor – b'mod li jkun hemm "ko-akkkuzati" fil-veru sens tal-kelma – u sia jekk tkun akkuzata fi proceduri separati. Il-bazi ta' dan il-principju hu argument a contrario sensu li jitnissel mill-paragrafu (b) tal-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali."* u l-Qorti Kriminali tghaddi biex ticcita diversi sentenzi in materja.[6]

---

[3] Ara fol. 165 tal-process.
[4] Ara fol. 421 tal-process.
[5] *Per* Imhallef Vincent De Gaetano.
[6] Ara wkoll fl-istess sens id-digriet tal-Qorti Kriminali (*per Onor.* Imhallef Joseph Galea Debono) tal-4 ta' Frar 2004 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Brian Vella.**

Ghalhekk, fil-konsiderazzjonijiet taghha dwar il-htija o meno tal-imputati, din il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni tal-istqarrijiet u dikjarazzjonijiet lill-ufficjali tal-Pulizija u x-xhieda tal-ko-imputati l-ohra f'dawn il-proceduri.

Ghalhekk il-Qorti se tikkunsidra l-provi prodotti, u l-eccezzjonijiet sollevati fil-konfront ta' kull imputat individwali.

*Ir-Reat ta' Truffa*

<u>*Fir-Rigward ta' Josef Grech*</u>

L-imputat Josef Grech qieghed jissottometti fl-ewwel lok li mic-citazzjoni kif redatta, ma jista' qatt jirrizulta r-reati allegati fl-istess citazzjoni, ghax huwa gie imharrek fil-kapacita personali tieghu u mhux bhala president ta' xi ghaqda jew dirigent ta' kumitat. Huwa jissottometti li fl-ebda hin il-prosekuzzjoni ma ressqet provi li huwa kien qed jagixxi ghall-interessi tieghu, imma dejjem fil-kapacita tieghu ta' membru tal-kumitat fl-interessi tal-kumitat. Huwa jghid li jekk kien hemm vantagg mehud, dan ma ittiehed qatt minnu, imma semmai, dato ma non concesso, mill-ghaqda li kien qed imexxi mal-imputati l-ohra, u l-vantagg/flejjez kollha gew uzati mill-kumitat u qatt ma marru fil-but tieghu bil-vantagg ghalih.

Is-sentenza **Il-Pulizija vs Joseph Bonnici** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[7] fis-26 ta' Mejju 1995, kienet titratta sottomissjoni prattikament identika. F'dik is-sentenza, gie ritenut hekk:

*"5. Ghal fini ta' kjarifika tal-posizzjoni legali, din il-Qorti tosserva li kemm l-artikolu 322 tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija jew in forza tal-artikolu 13 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni [Kap.249], joholqu r-responsabbilita penali vikarja ta' direttur, manager, segretarju ecc ta' ghaqda jew korp ta' persuni ghal reati kommessi minn tali ghaqda jew korp. Iz-zewg disposizzjonijiet jistabilixxu wkoll id-difiza li tista' tingieb 'l quddiem minn tali direttur, manager, segretarju ecc. meta jigi msejjah biex iwiegeb ghar-reat <u>kommess mill-imsemmija ghaqda jew korp.</u> Pero t-tahrika tohrog kontra l-imsemmi direttur, manager, ecc. f'ismu*

[7] *Per* Imhallef Vincent De Gaetano.

*personalment, fis-sens li hu* <u>*personalment*</u> *irid iwiegeb ghall-akkuza, u f'kaz ta' sejbien ta' htija u imposizzjoni ta' piena, tali piena, sia jekk pekunjarja sia jekk restrittiva tal-liberta' personali, tigi inflitta fuqu u tigi skontata minnu. Mill-banda l-ohra, meta l-prosekuzzjoni tkun qed tipotizza, kontra tali direttur, manager jew segretarju, reat kommess mill-ghaqda jew korp, u li ghalih hu jrid iwiegeb personalment, fl-imputazzjoni jew fl-akkuza -* ***mhux fl-isem tal-imputat jew akkuzat, cioe'*** <u>***mhux***</u> ***fl-okkju tal-kawza*** *— ghandu jkun hemm xi indikazzjoni li hu qed jigi imsejjah biex iwiegeb ghal reat kommess mill-korp jew ghaqda: cioe' ghandu jkun hemm xi indikazzjoni li hu qed jigi mharrek jew akkuzat minhabba r-responsabilta' vikarja tieghu. Jekk mhux ghal xi haga ohra, tali indkazzjoni hi mehtiega sabiex l-imputat jew l-akkuzat ikun jista' jipprepara d-difiza tieghu.*

*6. L-imputazzjoni kif migjuba kontra Joseph Bonnici ma fiha ebda indikazzjoni jew accenn ghal xi responsabbilita vikarja tieghu. Jigifieri, l-imputazzjoni kif formulata tirreferi ghal reat kommess mill-istess Bonnici, u mhux ghal xi reat kommess minn ghaqda jew korp u li ghalih l-appellant irid wiegeb ankorke personalment. Din il-Qorti taqbel mal-appellant li l-imputazzjoni tirreferi ghal reat kommess* <u>*minnu*</u>*, pero ma taqbilx mieghu li dan il-fatt iwassal ghal dikjarazzjoni ta'*
*xi nullita jew necessarjament u preliminarjament ghall-liberazzjoni tieghu. Wiehed irid jara x'inhi l-imputazzjoni u x'inhuma l-provi."* (enfasi tal-Qorti tal-Appell Kriminali).

Din il-Qorti hija konxja li fis-sentenza **Il-Pulizija vs Charles Le Brun** deciza fid-19 ta' Frar 2019, il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[8] irriteniet hekk illi:
*"Jirrizulta li ghalkemm permezz tal-letter to prosecute, il-Kummissarju tat-Taxxi kien qieghed jinforma lil Kummissarju tal-Pulizija li 'Mr. Charles Lebrun for and on behalf of Cleanwell Services Limited, ... ..., has submitted various Value Added Tax returns without payment or with part payment.', ic-citazzjoni inharget kontra Charles Le Brun f'ismu personali, tant li minn imkien fic-citazzjoni ma hemm indikat li l-appellant kien qieghed jigi mharrek fil-kapacita tieghu ta' Direttur, ossia b'hekk imsejha responsabbilta' vikarja.*

*... ... Ghalhekk jekk id-dipartiment tal-VAT ried li tigi investigata l-kumpanija, ic-citazzjoni ghalkemm 'avviso a comparire' kellha tindika li l-appellant kien qieghed jitressaq minhabba r-responsabbilta' vikarja tieghu.*

[8] *Per* Imhallef Consuelo Scerri Herrera.

*Ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li anke jekk se mai kellha tirrizulta xi forma ta' misapproprjazzjoni, ma tressqet l-ebda prova li dan l-att ta' misapproprjazzjoni sehh mill-appellant f'ismu personali u mhux mill-kumpannija Cleanwell Services Ltd qua Direttur taghha … … u ghalhekk l-appellant ma setgha qatt jinstab hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu."*

Bid-dovut rispett, din il-Qorti, kif preseduta, ma taqbilx mar-ragunament tal-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza ta' **Charles Le Brun**. Kif jirrizulta mill-istess sentenza ta' **Charles Le Brun**, fl-istess *letter to prosecute,* il-Kummissarju tat-Taxxi kien informa wkoll lill-Kummissarju tal-Pulizija li *"it is this Office considered opinion that criminal proceedings are to be instituted against all Directors"*. Pero anke jekk ghal grazzja tal-argument biss, din il-Qorti tasal biex taqbel mal-argument tal-Qorti tal-Appell Kriminali li jekk id-dipartiment tal-VAT ried li tigi investigata l-kumpanija biss, ic-citazzjoni ghalkemm 'avviso a comparire' kellha tindika li l-appellant kien qieghed jitressaq minhabba r-responsabbilta' vikarja tieghu, din is-sentenza ma tista' tkun tal-ebda komfort ghat-tezi tal-imputat Grech.

Fil-kaz odjern huwa car, li l-Prosekuzzjoni ma ridietx tharrek lill-imputat Grech minhabba r-responsabbilita vikarja tieghu ghal dak li allegatament ghamlu is-Socjeta Filarmonica Lourdes u l-Ghaqda Muzikali Santu Wistin, imma qieghda tharrku ghal dak li allegatament ghamel hu personalment, u mhux bhala l-persuna responsabbli ghal dak li allegatament ghamlet l-imsemmija Socjeta li taghha kien segretarju. Ghalhekk fil-kaz odjern, mhux applikabbli l-insenjament fis-sentenza ta' **Charles Le Brun**, imma huwa applikabbli l-insenjament fis-sentenza ta' **Joseph Bonnici**, fuq citata, u cioe li l-fatt li fic-citazzjoni ma giex indikat li hu kien qed jagixxi ghan-nom tas-Socjetajiet imsemmija mhux necessarjament u preliminarjament iwassal ghal liberazzjoni tieghu. Wiehed irid jara x'inhi l-imputazzjoni u x'inhuma l-provi. Del resto is-sentenza ta' **Joseph Bonnici** giet iccitata b'approvazzjoni fis-sentenza ta' **Charles Le Brun**.

Issa skond l-artikoli tal-Avukat Generali, l-imputazzjonijiet huma tar-reat kontinwat ta' truffa u frodi innominata l-Artikoli 18, 308 u 309 tal-Kodici Krimnali. Il-Qorti se tibda bir-reat ta' truffa, li hu l-iktar wiehed gravi. L-imputat Grech hu mixli bir-reat ta' truffa permezz ta' xiri ta' money orders kollha mhallsa b'cekkijiet ta' ghaqdiet li taghhom Grech kellu kontroll, tant li kien wiehed mill-firmatarji tac-cekkijiet in kwistjoni kollha. Dan ir-reat huwa kontemplat fl-

Artikolu 308 tal-Kodici Kriminali li, fi zmien meta allegatament gie kommess dan ir-reat, kien jippreskrivi hekk:

*"Kull min, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi jagħmel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi jinqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi juri ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, jagħmel qligħ bi ħsara ta' ħaddieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn."*

L-Artikolu 310 tal-Kodici Kriminali imbaghad jaggrava l-piena kontemplata fl-Artikolu 308 skond il-valur tal-hsara u l-ammont involut.

L-imputat jargumenta li se mai l-vantagg haditu l-ghaqda li tieghu kien imexxi. Huwa vera li jirrizulta li dawn il-money orders gew depositati fil-kont bankarju tal-ghaqdiet in kwistjoni. Pero din il-Qorti ma tistax taqbel mas-sottomissjoni tal-imputat li mill-provi migbura jirrizulta li dan il-vantagg/flejjes kollha gew uzati fl-interess tas-socjetajiet li kienu jmexxu. Mill-provi jirrizulta ampjament, li mill-kontijiet ta' dawn iz-zewg socjetajiet, specjalment dik tal-Kazin ta' Rahal Gdid, inhargu ghexieren ta' cekkijiet f'ammonti totali ta' eluf kbar ta' Euro – ammont sostanzjali minnhom misterjozament fl-istess cifra ta' €2,207.00 – li ma ngabet assolutament l-anqas l-icken prova indipendenti lil min kienu jghajtu u ghal liema raguni thallsu.[9]

Huwa vera li l-imputat ezebixxa minuti - apparentament originali - ta' laqgha tal-Kumitat tal-Kazin ta' Rahal Gdid - tat-2 ta' Settembru 2008 – fejn jinghad hekk:[10]

*"Il-Kaxxier* (l-imputat Omar Caruana) *propona li biex ikunu iktar ahjar il-kontijiet tas-Socjeta jibdew isiru money orders mill-Maltapost u jigu depozitati fil-kontijiet tas-Socjeta b'hekk is-socjeta tkun iktar f'posizzjoni finanzjarja tajba."*

Pero fl-ewwel lok, il-Qorti ghandha r-rizervi taghha fuq awtenticita ta' dawn il-minuti, stante li l-imputat Omar Grech ezebixxa zewg sejhiet ghal laqgha fl-istess zmien – wahda ghal laqgha generali tal-membri ghal 25 ta' Awwissu 2008,[11] u l-ohra ghal laqgha tal-membri fid-9 ta' Settembru 2008.[12] L-imputat Grech ikkonferma li l-firma fuq dawn iz-zewg dokumenti hija

[9] Ara Dok. AG 4 (Doc B) u Dok AG 6 (Doc 6).
[10] Ara Dok MMC 1 a fol. 372 tal-process
[11] Ara Dok L 1 a fol 635 tal-process
[12] Ara Dok L 2 a fol 636 tal-process

tieghu.[13] Mhux verosimili, li jkun hemm tlett laqghat daqshekk wara xulxin – wahda fil- 25 ta' Awwissu, l-ohra fit-2 ta' Settembru u l-ohra fid-9 ta' Settembru. Huwa vera li dik tal-25 ta' Awwisu kienet laqgha generali annwali u l-ohrajn laqghat tal-kumitat, pero huwa difficli ghal din il-Qorti temmen li l-kumitat kellu bzonn jiltaqgha darbtejn f'gimgha.

Fi kwalunkwe kaz, fil-minuti tat-2 ta' Settembru 2008, li fiha kien hemm prezenti 10 membri ohra apparti l-kaxxier Omar Caruana, inkluz l-istess imputat Grech, ma jirrizultax li s-suggeriment tal-imputat Caruana gie diskuss u wisq inqas approvat mill-istess Kumitat tal-Kazin ta' Rahal Gdid. Konsegwentement, ma hemmx l-icken prova li dak li ghamlu l-imputati kien approvat mill-Kumitat tal-Kazin ta' Rahal Gdid jew dak tal-Ghaqda ta' Santu Wistin.

*Dato ma non concesso*, li l-imputat Grech ma ghamel l-ebda qliegh ghalih personali minn din il-manuvra, dan huwa totalment irrelevanti mil-lat legali ghax ir-rekwizit tal-Artikolu 308 huwa li l-persuna in kwistjoni *"jagħmel qligħ bi ħsara ta' ħaddieħor"*, minghajr ma jispecifika min ghandu jkun il-beneficjarju ta' dan il-qligh illegali. Ghalhekk ghal fini tal-Artikolu 308, jista' jkun hemm ir-reat ta' truffa, anke jekk il-qligh ikun intiz biex tigi ivvantaggjata xi terza persuna, u l-awtur tar-reat ma jiggwadajna xejn.

Argument identiku ghal dak tal-imputat Grech, pero fil-kuntest tar-reat ta' serq, gie rigettat fis-sentenza **Il-Pulizija vs Anthony Balzan** deciza fis-26 ta' Marzu 2015, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[14] qalet hekk:
*"L-appellant jargumenta illi huwa ma ha xejn minn dan it-tbaghbis peress illi l-kont tad-dawl kien f'isem is-socjetà u se mai kienet l-istess socjetà illi hadet xi beneficcju. Ovvjament dan l-argument ma jistax iregi. Meta l-awturi jitkellmu dwar profitt gej mis-serq dan qed jghiduh bl-aktar mod wiesgha tal-kelma u mhux bilfors ikun profitt f'termini monetarji izda bizzejjed ikun fl-aktar termini generici ta' gwadann, liema gwadann m'ghandux ghalfejn ikun personalment tal-persuna koncernata izda anke ghal haddiehor inkluz socjetà ta' responsabiltà limitata bhalma hu f'dan il-kaz."*

[13] Ara fol. 630 tal-process.
[14] *Per* Imhallef Michael Mallia.

Fid-dawl ta' dan il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti hija tal-opinjoni, li jekk jirrizultaw r-rekwiziti ta' truffa, l-imputat Grech ghandu jinzamm responsabbli personalment, anke jekk hu ma iggwadanja xejn personalment.

L-imputat Grech jissottometti wkoll illi mill-provi irrizulta li l-kontijiet li minnhom hargu c-cekkijiet li ma gewx onorati kienu joperaw bil-facilita ta' overdraft. Dan assolutament mhux veru, anzi mill-provi jirrizulta proprju l-oppost. Ix-xhud Alexander Vella, li fiz-zmien relevanti kien jahdem fl-internal audit tal-APS, xehed b'mod car li anke jekk kont jkun inghata l-facilita ta' overdraft, il-Bank jibqa jsejjahlu *"current account"* minghajr kwalifiki. Pero ghamilha cara li *"Jekk ikun hemm overdraft, ikun hemm sanction letter."*[15]

Issa mill-provi jirrizulta li z-zewg kontijiet bankarji in kwistjoni kienu *"current account"* normali, minghajr il-facilita ta' *overdraft.* Fil-fatt rizoluzzjoni tal-Ghaqda Muzikali Madonna ta' Lourdes tat-18 ta' Awwissu 2007, jinghat illi l-Kumitat iddecieda li *"the organisation is authorised to open APS Current Account & APS Savings 3 Day Bonanza Account",* u li l-firmatarji ta' dawn il-kontijiet kellhom ikunu it-tlett imputati konguntivament. Kieku l-Kumitat ried li dan il-current account ikollu l-facilita ta' overdraft kien jghidu espressament[16]. Huwa irrilevanti li fl-*Appointments of Bankers Form* jinkontempla li l-kont jista' jkun *"overdrawn or any overdraft is increased".*[17] Huwa altru milli ovvju minn qari ta' din il-formola, li din hija formula standard li timtela' ghal kull tip ta' kont kurrenti, kemm jekk ikollu l-facilita ta' overdraft kemm jekk le.

L-istess japplika ghall-kont kurrenti tal-Ghaqda Muzikali Santu Wistin, hlief li f'dan il-kaz, ir-rizoluzjoni tal-kumitat kienet li jinfetah *current account* biss, u l-firmatarji kellhom ikunu l-imputati Josef Grech u Omar Caruana biss.[18]

L-imputat Grech ma ezebixxa l-ebda *sanction letter* tal-Bank li kienet tati lil xi wahda minn dawn l-Ghaqda facilitajiet li taghmel *overdraft.* Mill-provi jirrizulta ampjament li jekk Branch manager ta' Bank jippermetti li l-kont kurrenti normali ta' Bank ikun *overdrawn* ghal xi perjodu ta' zmien, kif gara fil-kaz odjern, dan ikun qed ihallih biss fid-diskrezzjoni assoluta

[15] Ara fol. 587 – 588 tal-process.
[16] Ara fol. 48 Dok AG4 Doc D.
P[17] Ara fol. 38 Dok AG4 Doc C.
[18] Ara fol. 48 Dok AG6.

tieghu, u sakemm dan ma jsirx b'mod regolari, u l-Bank jista' jwaqqfu meta jrid. Fil-fatt fix-xhieda tieghu, il-Branch Manager Norman Farrugia qal li l-kont ma kienx qed jitmexxa tajjeb, ghaliex *"kienu qed johorgu cekkijiet u imbaghad jigu ipprezentati u l-bank ma kienx f'posizzjoni li jaccetta li jhallas dawk ic-cekkijiet minhabba li ma jkunx hemm flus bizzejjed fl-account."*[19] Huwa qal ukoll li fil-laqgha li kellhom mat-tlett imputati, dawn *"accettaw illi mhux tajjeb dak il-mod."*[20] Certament li kieku l-kont kellu facilitajiet ta' *overdraft,* Norman Farrugia u/jew xi hadd mill-imputati, kien jindika li l-kont ma setghax ikun *overdrawn* b'iktar minn ammont partikolari, skond kif ikun awtorizzat fis-sanction letter relattiva.

L-imputat Grech qed jibbaza din l-asserzjoni tieghu fuq il-fatt li l-APS kemm il-darba halla l-kontijiet jaqghu b'deficit, f'okkazzjoni minnhom ta' iktar minn €28,000. Pero il-fatt li l-APS kien qed ihalli l-kont jigi *overdrawn* ma jfissirx li l-kont kellu *overdraft facility* - din hija sempliciment asserzjoni gratwita tal-imputat. Fil-fatt kif gia inghad, il-Branch Manager xehed li l-Bank kien pre-okkupat li l-kont ma kienx qed jitmexxa tajjeb, u issejhet laqgha mal-imputati biex jaraw x'kienet ir-raguni. Kien jinkombi lill-imputat Grech li jgib provi li dawn il-kontijiet kellhom facilita ta' overdraft billi jipprezenta s-sanction letters relattivi – haga li qatt ma ghamel. Ghalhekk, din l-asserzjoni tieghu, assolutament ma tirrizultax mill-provi prodotti, u konsegwentement l-argumenti tieghu kollha ibbazati fuq din l-asserzjoni zbaljata ma jreggux.

L-imputat Grech jghid ukoll li *"rrizulta ukoll fl-ahhar seduta ... ... li kien il-Bank APS li f'mument minnhom hass li dan il-kont kien ta' riskju u b'mod unilaterali bblokka l-kont u b'hekk ma seta' jissarraf ebda cheque li kien gia hareg u organizza laqgha mal-firmatarji."*[21] Din l-asserzjoni hija ukoll totalment infondata – fil-fatt l-imputat Grech ma iccita l-ebda xhud in sostenn ta' din l-allegazzjoni.

Fl-ahhar seduta tat-12 ta' Jannar 2018 xehdu Alexander Vella u Dr Aaron Zammit Apap in rapprezentata tal-Bank APS. Dr Aaron Zammit Apap, li fiz-zmien rilevanti kien il-Head Legal Office, ma xehed xejn f'dan ir-rigward, u ftakar ftit li xejn fatti minhabba t-trapass taz-zmien. Alexander Vella, li fiz-zmien in kwistjoni kien jahdem bhala internal auditor, kemm-il darba irrepeta li ma jiftakarx x'gara minhabba it-trapass taz-zmien. Pero hu qal li jiftakar li attenda ghal laqgha bejn il-Branch Manager, Norman Farrugia u tal-inqas l-imputat Grech, fejn

[19] Ara fol. 107
[20] Ara fol. 106
[21] Ara fol. 662

qalulhom li l-Bank ma tantx kien qed jogghbu kif qed juzaw il-kontijiet, imma ix-xhud ghamilha cara li *"ahna ma geghlnihomx jaghlqu essagg."*[22]

Pero, l-imputat Grech qed jipprova jnessi lil Qorti dak li xehedu r-rapprezentanti tal-Bank fil-bidu ta' dawn il-proceduri. Il-Branch Manager Norman Farrugia xehed hekk: *"L-iskop li kellimthom, ahna bghattna ghalihom halli naraw x'inhu jigri u li l-account ma jistax jibqa jitmexxa hekk. Issa meta imbaghad baghatna ghalihom, huma hargu bl-idea, mela nghalquh dan l-account."*[23] Farrugia xehed ukoll li l-paper work biex jinghalaq l-account ma kienx lest minn qabel il-laqgha kif suggerit lilu mill-avukat tal-imputati, imma gie ippreparat dak il-hin, wara li l-imputati qalulhom biex jghalqu l-accounts. Fil-fatt, ix-xhud jenfasizza *"Ahna qatt ma ghidna l-kliem li tridu taghlqu dan l-account. Zgur. … … Le. ma kienx hemm espressament il-kliem isma dan l-account irid jinghalaq. Dak zgur li le."* Meta gie suggerit lilu li l-imputati talbuh itihom zmien biex jahsbuha ftit, pero il-Bank qalilhom biex jiddeciedu dak il-hin halli jaghalquh, ix-xhud rega' irrepeta *"Le, le dak il-hin huma vvolontarjaw biex jghalquh."*[24]

Alexander Camilleri, li rega' xehed fl-ahhar seduta ghal provi, kien xehed hekk fil-bidu ta' dawn il-proceduri: *"Konna kellimniehom dwar il-mod kif kien qed jahdem il-kont u kienu qed jigu returned unpaid cheques. Innutajna wkoll li kellhom cheques minn bank iehor, u ghidnilhom dan 'x' qed jigri ezatt? Mhux ahjar zzommu l-kontijiet kollha taht bank wiehed. Qablu maghna sort of u they closed the account."*[25]

Waqt ix-xhieda tieghu, il-Branch Manager Norman Farrugia ezebixxa ittra datata 19 ta' Jannar 2009, iffirmata mit-tlett imputati indirizzata lilu, li kienu tawh dakinhar tal-laqgha, fejn qalu hekk: *"Please close the following accounts by affecting the necessary transfers and any credit balances should be transferred to … …. We confirm that the unused cheques will be returned on the 20th April 2009."*[26]

---

[22] Ara fol. 585
[23] Ara fol. 109
[24] Ara fol. 109.
[25] Ara fol 114.
[26] Ara Dok NF1 a fol. 111 tal-process.

L-imputat Grech jipprova jaqbad mal-fatt li l-kont gie "blocked" mill-Bank ghal ftit granet. Fl-ittra tat-2 ta' Frar 2009 lill-Ispettur Angelo Gafa, Dr Mark Sammut ghan-nom tal-Bank APS jispjega hekk:

*"The Current Account No. 20058727 – 6 in the name of the Socjeta Filarmonika Lourdes AD1977 was blocked by the Bank on the 20th January 2009. This blocking was effected to ensure compliance with the written instructions of the signatories of the Socjeta Filarmonika Lourdes AD1977 dated 19th January 2009, whereby the Bank was requested to close, amongst others, all accounts held in the name of the same Socjeta Filarmonika Lourdes AD1977. The blocking ensured that no other transactions would go through Current Account No. 2000058727-6 after the 20th January 2009, except for the eventual credit funds from the only other account held by the Socjeta Filarmonika Lourdes AD1977 with the Bank.*

*… … The Current Account … … was closed on the 23rd. January 2009 and the funds standing to the credit of this Account were transferred to two (2) third party accounts."*[27]

Din l-ittra giet konfermata bil-gurament minn Dottor Mark Sammut waqt ix-xhieda tieghu. Huwa spjega li l-kont *"jigi blokkat sakemm jidhlu assi biex dan il-kont jigi in credit u imbaghad jinghalaq ghax kien in debit f'dak l-istadju."*[28]

Mill-provi suesposti, din il-Qorti m'ghandhix ombra ta' dubbju li l-kontijiet inghalqu fuq talba tal-imputati stess lil Bank, u mhux gew arbitrarjament maghluqa mill-Bank kif qed jallega l-imputat Grech.

L-imputat Grech jghid ukoll li kif sar jaf li l-kont kien gie ibblokkjat, hu baghat ittra biex jinforma lill-kredituri taghhom b'dak li iddecieda l-Bank.[29] Mill-atti ma jirrizulta li ntbaghtet l-ebda ittra mill-imputat Grech f'dan is-sens. L-unici ittri li jirrizultaw li ntbaghtu lil Maltapost huma dawk ezebiti miz-zewg imputati l-ohra. Dawn iz-zewg ittri intbaghtu lil Maltapost mill-imputat Omar Caruana bhala avukat in rapprezentanza tas-Socjeta Filarmonika Lourdes. L-ewwel ittra hi datata 15 ta' Jannar 2009 – cioe qabel il-laqgha mal-Bank u l-eghluq tal-kontijiet – u f'din l-ittra l-imputat Caruana talab laqgha bejn is-Socjeta Filarmonika Lourdes u l-Maltapost sabiex jinstab rimedju ghal kwistjoni li *"regolarment dawn l-ahhar xhur li* [id-

[27] Ara Dok AG5 a fol. 48 tal-process.
[28] Ara Dok 53 tal-process.
[29] Ara fol. 662.

dirigenti tas-Socjeta] *talbu hrug ta' money orders mill-Maltapost p.l.c. u li dwar dawn il-money orders inhargu cekkijiet kontra taghhom mic-cheque book tas-Socjeta tal-APS Bank u li dawn ma gewx onorati."* F'din l-ittra l-imputat Caruana qal li s-Socjeta trid thallas ic-cekkijiet li ma gewx onorati, u lesta taghmel tajjeb ghal dan id-dejn bil-proprjeta taghha stess. It-tieni ittra hi datata 23 ta' Jannar 2009 - id-data li fiha l-kontijiet gew effettivament maghluqa – taghmel riferenza ghall-ittra tal-15 ta' Jannar 2009, li baqghet ma gietx imwiegba, u ghalhekk l-imputat Caruana talab li din l-ittra tigi imwiegba.[30]

Teknikament dawn l-ittri ma jistghux jintuzaw la favur u lanqas l-imputat Grech ghaliex gew ipprezentati miz-zewg ko-imputati l-ohra, u hu qatt ma ikkonferma l-kontenut taghhom. Pero jekk ghall-grazzja tal-argument biss, l-imputat Grech qed jirreferi ghal dawn iz-zewg ittri, l-ebda wahda minn dawn iz-zewg ittri ma tghid li l-Bank ibblokkja il-kontijiet tas-Socjeta, imma huma biss ammissjoni tas-Socjeta li hi debitrici tal-Maltapost minhabba c-cekkijiet li harget favur il-Maltapost biex inxtraw money orders, u dawn ic-cekkijiet ma gewx imsarrfa, u uriet il-buona volonta taghha biex thallas id-debitu taghha. Ghalhekk, dawn iz-zewg ittri bl-ebda mod ma jikkomfortaw l-allegazzjoni tal-imputat Grech.

Dan iwassalna ghal crux tal-kwistjoni u cioe jekk l-imputat Grech kellux l-intenzjoni doluza li jiffroda jew jinganna lill-Maltapost.

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Emmanuele Ellul**, deċiża fl-20 ta' Ġunju 1997, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[31] irriteniet hekk f'kawża fejn cheque ġie *referred to drawer* għax ma kienx hemm fondi biżżejjed fil-kont u l-imputat ġie akkużat bl-istess reati:

*"Fil-liġi tagħna, element essenzjali għall-kostituzzjoni tar-reat ta' truffa hija l-mise en scene, cioe` dawk l-"artifiżi" jew "raġġiri" idonei li jinduċu u li effettivament ikunu induċew lill-vittma fi żball – l-ingann – u li <u>b'konsegwenza ta' dak l-iżball</u> il-vittma tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa li ġġibilha telf patrimonjali bil-korrispondenti qliegħ għall-aġent. Kif jispjega l-ġurista Taljan Francesco Antolisei, b'artifizio wieħed għandu jifhem:*

[30] Ara Dok LC 1 u LC2 a fol. 608 u 609 tal-process.
[31] *Per* Imħallef Vincent De Gaetano.

*"… … ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta effettuata sia simulando cioe` che non esiste (per es. ricchezza, titoli, nome, qualita ecc sia dissimulando, vale a dire, nascondendo cioe` che esiste (per es., il proprio stato di insolvenza, di persona coniugata, o inabilitata, l'uso di una determinate cosa ecc)" (Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale I Giuffre (Milano) 1986, p. 295);*

*L-istess awtur jiddefinixxi ir-raġġir bil-mod segwenti:*

*"Il raggiro … … e un avvolgimento ingegnoso di parole destinate a convincere: piu precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita." (ibid);*

*Il-ligi tagħna ma tirrikjedix il-messa in xena, cioe` li dawn l-artifiżji jew raġġiri jkunu xi ħaġa kkomplikata jew arkitettata b'ħafna pjanijiet; in fatti l-liġi stess tindika l-forom li dawn l-artifiżji jew raġġiri jistgħu jieħdu. Fostħom dawn hemm is-sitwazzjoni ta' meta persuna bi kwalsiasi forma ta' qerq, ingann jew simulazzjoni tagħti x'tifħem li għandha flus meta m'għandhiex. Meta wieħed joħroġ ċekk meta jkun jaf, jew messu raġonevolment kien jaf, li ma hemmx fondi fil-kont in kwistjoni sabiex dak iċ-ċekk jista' jiġi onorat, ikun qed jinganna jew jipprova jinganna b'waħda mill-forom kontemplati fil-liġi tagħna;"*

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, l-imputat Grech jghid espressament li hu jaqbel ma' dan l-insenjament tal-Qrati taghna. Pero huwa jikkontesta li kien jaf, jew messu kien jaf, li c-cekkijiet ma kienux se jigu onorati ghal dawn ir-ragunijiet:

1. ghax hu ma kienx it-tezorier;
2. il-kont kellu facilita ta' overdraft;
3. l-unici cekkijiet li ma gewx onorati kienu dawk li lahqu hargu qabel il-Bank infurma lill-membri tal-ghaqda li l-kont kien ibblokkjat.

Dwar li l-kont kellu facilita ta' overdraft, din il-Qorti diga spjegat aktar il-fuq ghaliex din l-allegazzjoni hija fattwalment inkorretta, u ma tirrizultax mill-provi.

Fir-rigward tat-tielet raguni, kif gia gie spjegat, il-Bank sejjah laqgha fid-19 ta' Jannar 2009, appuntu ghax kien qed jara li l-kont kien qed jigi regolarment overdrawn, u minkejja dan xorta

kien hemm ghadd ta' cekkijiet li ma setghux jigu onorati ghaliex il-kont ma kellux fondi. Ghalhekk anke din is-sottomissjoni hija fattwalment inkorretta.

Dak ihalli l-ewwel raguni – huwa vera li l-imputat Grech ma kienx tezorier, pero hu kien ko-firmatarju tal-kont, u ghalhekk kellu l-obbligu li jassigura ruhu li l-kont kellu l-fondi biex jonera c-cekkijiet li kien qed jiffirma biex jinhargu, qabel jiffirma l-istess cekkijiet.

Skond l-imputat Grech stess, is-Socjeta Filarmonika Lourdes ma kinietx f'kundizzjoni finanzjarja tajba, tant li hu stess jghid li kien jiddeposita eluf ta' Euro fix-xahar biex izommha viabbli. Fil-fatt huwa ezebixxa dokument li fix-xahar ta' Awwissu 2008 biss iddepozita total ta' €4461.34 fil-kont tas-socjeta minn flusu personali, fil-waqt li d-dhul tal-istess socjeta kien biss ta' €115.00. In oltre, skond dan l-istess dokument, bejn Frar 2008 u Awwissu 2008, hu kien sellef lis-socjeta is-somma ta' €30,708.66.[32]

Rigward l-Ghaqda Muzikali ta' Santu Wistin, din kienet ghadha kemm giet iffundata ftit xhur qabel, u ghalhekk l-introjtu taghha kien wiehed baxx.

Fix-xhieda tieghu l-imputat Grech imkien ma jghid li hu ma kienx konxju tal-ammonti ta' cekkijiet li kienu qieghdin johorgu mis-Socjeta Lourdes u tal-valur taghhom.

Ghal dak li jikkoncerna s-Socjeta Filarmonika Lourdes, il-kaz odjern jikkoncerna tlettax (13)-il cekk li hargu bejn it-3 ta' Jannar 2009 u t-13 ta' Jannar 2009 favur il-Maltapost sabiex bihom inxtraw 64 money orders, liema cekkijiet ma setghux jigu onorati mill-Bank ghax ma kienx hemm fondi fil-kont tas-socjeta.[33] Il-valur totali tac-cekkijiet li huwa ta' €26,844.00.

Mill-istatement tal-Bank tas-Socjeta Filarmonika Lourdes,[34] jirrizulta li bejn Gunju u Ottubru 2008, il-bilanc tal-kont qatt ma waqa' fin-negattiv, u c-cekkijiet li kienu johorgu kienu f'ammonti normalment ta' medja ta' €150 u rari qabzu it-€300. Il-problemi bdew f'Novembru 2008, meta jirrizulta wkoll li bdew jinxtraw money orders b'dawn ic-cekkijiet f'ammonti ta' medja ta' €1,600. Dawn il-money orders kienu sussegwentement jigu depositati fl-istess kont kurrenti tas-Socjeta li minnu tkun ghamlet ic-cekk favur il-Maltapost, u fil-fatt l-ewwel darba

[32] Ara Dok MMC 3 a fol. 377.
[33] Ara Dok AGF a fol. 48.
[34] Ara Dok AG4 – Doc B a fol. 48.

li l-bilanc waqa' fin-negattiv kien fl-20 ta' Novembru 2008. Il-valur tac-cekkijiet li bdew johorgu bdew jizdiedu wkoll, u bdew jaqbzu l-medja ta' €500.00.
F'Dicembru 2008, is-sitwazzjoni baqghet sejra ghall-aghar. Il-valur tal-money orders mixtrija u iddepozitati beda kulma jmur jizdied sa ma fid-29 ta' Dicembru 2008 gew depozitati money orders fl-ammont ta' €13,200. Matul dan ix-xhar, il-Bank intalab isarraf xejn inqas minn 165 cekk tas-Socjeta li l-maggoranza taghhom jaqbzu l-valur ta' €1,000, u l-kont beda ikun overdrawn – anke gieli b'eluf ta' Euro - iktar ta' sikwit.

L-istess *modus operandi* baqa' sejjer f'Jannar 2009, pero mit-12 ta' Jannar 2009 il-quddiem, il-Bank beda ma jonerax ic-cekkijiet meta ma jkunx hemm fondi biex jaghmlu tajjeb ghalihom, u jibghathom lura *"referred to drawer"*. Sad-19 ta' Jannar 2009 – id-data li fiha saret il-laqgha bejn il-Bank u l-imputati – il-Bank gie mitlub jonora 165 cekk mahruga mis-Socjeta.

Certament, dawn il-mijiet ta' cekkijiet mahruga minn socjeta ta' banda zghira, u li kienet tinsab f'qaghada finanzjarja hazina ma jaghmlux sens, u ma ngabet l-anqas l-icken prova oggettiva favur min u ghal liema raguni inhargu dawn ic-cekkijiet – hlief dawk li intuzaw biex inxtraw il-money orders. Certament, meta l-imputat, bhala wiehed mill-ko-firmatarji tal-kont, kien konsapevoli tal-qaghda finanzjarja tas-Socjeta, u qieghed jiffirma biex johorgu il-fuq minn tlett mitt cekk, uhud minnhom b'valur ta' eluf ta' Euro, fi spazju tant qasir, kien altru milli d-dover tieghu li qabel jiffirma kull cekk jassigura ruhu li hemm fondi bizzejjed fil-kont biex kull cekk jigi onorat.

L-istess ragunament japplika ghall-kont tal-Ghaqda Muzikali Santu Wistin,[35] biss f'dan il-kont ma tantx saru transazzjonijiet, u lanqas gew depozitati money orders. Pero f'Jannar 2009 inhargu cekkijiet b'valur bejn €5,000 u €15,000 – li certament huwa sproporzjonat meta wiehed jikkonsidra li l-bilanc fil-kont tal-Ghaqda fil-31 ta' Dicembru 2008 kien biss ta' €9.74. Pero zewg cekkijiet intuzaw biex inxtraw money orders bihom fl-14 ta' Jannar 2009, it-tnejn li huma fl-ammont ta' €4,654, u z-zewg cekkijiet ma gewx onorati mill-Bank.[36]

Fix-xhieda tieghu, l-imputat Grech xehed li meta kien jiffirma c-cekkijiet il-bilanc fil-kont kien dejjem ikun pozittiv. Pero meta gie mistoqsi in kontro-ezami, kif jispjega kif il-bilanc fil-kont

[35] Ara Dok AG6 Doc B a fol. 48.
[36] Ara Dok AG 7 a fol. 48.

nizel fin-negattiv ghal €28,000, huwa wiegeb li ma jafx, u qal hekk *"Din indunajt biha jien, l-bierah, ghax ghidt nipprepara l-affarijiet sew ... ..."*[37] Minn din ix-xhieda, huwa altru milli ovvju li l-imputat Grech ma kienx jiccekkja l-bilanc tal-kont qabel jiffirma c-cekkijiet, kif kellu dover jaghmel, tenut anke kont tac-cirkostanzi finanzjarji tas-Socjeta u tal-ammont esagerat ta' cekkijiet li kienu ghal raguni jew ohra qed jinhargu.

Certament lanqas jaghmel sens ix-xiri ta' dawn il-mijiet ta' money orders – b'kollox inxtraw 595.[38] Il-kaxxiera kollha tal-Maltapost li telghu jixhdu fuq il-money orders in kwistjoni, ma kellhom l-ebda ezitazzjoni li jidentifikaw lill-imputat Grech bhala l-persuna li xtara dawn il-money orders. Mistoqsi ghalfejn kienu jinhargu c-cekkijiet biex jinxtraw il-money orders, u mhux jinhareg cekk dirett lil terzi persuni, l-imputat Grech jghid li l-flus tal-money orders kien gieli isarraf kontanti biex ihallas il-bandisti, ghax kien hemm min ikun irid hlas in kontanti.

Pero il-maggoranza assoluta tal-money orders in kwistjoni hargu fuq talba tas-Socjeta Filaromonika Lourdes u l-beneficjarju taghhom kien l-istess imputat Joseph Grech u xi ftit l-imputat Vincent Farrugia u fuq certa Melany Vella. Il-kumplament inhargu minn "Grajjiet Malta" – website tal-ahbarijiet immexxija mis-Socjeta Filarmonika Lourdes[39] - favur Kummissjoni Zghazagh Lourdes, l-imputat Joseph Grech u Paola Lourdes boys.

Certament, ir-raguni li ta l-imputat Grech li l-money orders inhargu biex jithallsu l-bandisti in kontanti, mhix wahda kredibbli, stante li huwa, flimkien mal-ko-firmatarji l-ohra, setghu facilment jigbdu l-flus in kontanti mill-kont. Del resto, mill-istatement ezebit fil-process jirrizulta li kemm-il darba gew depozitati eluf fi flus kontanti fil-kont. Fil-fatt meta gie maghfus iktar in kontro ezami biex jispjega ghalfejn ma gibdux il-flus kontanti direttament mill-kont, hu wiegeb *"Jien naf, ghax m'ghamilniex hux."* U mistoqsi ghalfejn hassew il-htiega li jixtru dawn il-money orders minghand il-Maltapost, huwa wiegeb *"ghax hekk kienet il-htiega"* minghajr spjegazzjonijiet ulterjuri.

Huwa ovvju mill-provi prodotti li x-xiri tal-money orders mill-Maltapost permezz ta' cekkijiet u d-depozitu tal-istess money orders fil-kont tas-Socjeta kienet tattika, li ghalkemm tista' *prima facie* tidher li hija wahda banali, pero tintuza biex hekk il-beneficjarju tal-kont jaghti bilanc ta'

---

[37] Ara fol. 442 – 443 tal-process.
[38] Ara xhieda ta' Dottor Aaron Zammit Apap a fol. 72-73 tal-process.
[39] Ara xhieda tal-imputat Grech a fol. 429 tal-process.

kreditu fittizju fil-kont, fit-trapass taz-zmien li jrid jghaddi sakemm ic-cekk jasal ghand il-Bank biex jigi onorat – dak li jissejjah *"kite–flying"*. Ovvjament, il-garra ddum gejja u sejra sakemm fl-ahhar tinkiser, u fl-ahhar hekk gara, ghaliex fil-kont ma bediex ikun hemm flus biex jonoraw ic-cekkijiet li kienu qieghdin jinhargu bl-addocc.

Ghalkemm fix-xhieda tieghu, l-imputat Grech cahad li dan kien il-kaz, din il-Qorti ma ghandha l-ebda ezitazzjoni li tghid li ma temmnux. Il-fatti cirkostanzjali huma univoci u kollha jippuntaw lejn direzzjoni wahda, u cioe li l-imputat Grech kien jaf ezattament li qed jaghmel *kite-flying* bil-kont tas-Socjeta u kien fizikament qed imur hu jixtri c-cekkijiet mill-Maltapost. Hadd f'sensieh ma johrog ghexieren ta' cekkijiet, minghajr ma jiccekkja li hemm fondi bizzejjed biex dawk il-flus jissarrfu. Pero ovvjament, l-imputat Grech kien qed iserrah fuq il-kreditu fittizju li kien qed johloq fil-kont permezz tal-*kite flying* - pero eventwalment il-Bank induna x'kien qed jigri, u ma baqax jonera iktar cekkijiet, meta l-kont ma jkollux fondi bizzejjed.

Il-Qorti tista' tieqaf hawn, ghax il-Prosekuzzjoni certament irnexxiela tipprova sal-grad rikjest fil-kamp kriminali, l-elementi tar-reat truffa fil-konfront tal-imputat Grech.

Pero, il-Qorti ma tistax ma tosservax, li fl-istqarrija tieghu – li ghaliha l-imputat Grech ghamel riferenza waqt ix-xhieda tieghu[40] – l-istess imputat Grech qal hekk *"Mistoqsi nispjega ghalfejn kien isir dan kollu* (cioe ix-xiri ta' money orders) *– nghid li dan kien isir biex fil-kont ikollna dejjem il-flus u qatt ma ninqabdu minn taht."*[41] Kull kumment iehor da parti ta' din il-Qorti ikun superfluwu.

*<u>Fil-Rigward tal-Imputat Omar Caruana</u>*

L-imputat Omar Grech sar kaxxier tas-Socjeta Filarmonika Lourdes u President tal-Ghaqda Muzikali Santu Wistin fl-2007. Meta dahal f'dawn il-karigi, huwa kien diga avukat prattikanti.

Kemm fix-xhieda, kif ukoll fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, l-imputat Caruana jghid li l-*factotum* tas-Socjeta Filarmonika Lourdes kien l-imputat Grech, u ghalkemm hu kien il-

[40] Ara fol. 421 tal-process.
[41] Ara Dok AG1 a fol. 48 tal-process.

kaxxier, Grech kien jitolbu jiffirma c-cekkijiet f'ammonti ta' ghaxra jew ghoxrin f'daqqa in bjank, biex imbaghad jimlihom Grech kif irid. Jghid li huwa ma kien bl-ebda mod involut fix-xiri u tisrif tal-money orders, u lanqas kien jaf x'kienu meta dan kien qed isir mill-imputat Grech. Fix-xhieda tieghu jghid li hu sar jaf ghall-ewwel darba bil-problema tac-cekkijiet li ma kienux kienu qieghdin jissarfu fil-laqgha li l-imputati kellhom mal-Bank.[42] Fin-nota ta' sottomissjonijiet jghid ukoll li *"il-problema mertu ta' dan il-kaz inhmiet f'temp ta' hdax-il jum, meta allura kien zmien qasir wisq biex Omar Caruana jilhaq jara li l-kont tal-APS kien qed jigi over-drawn wisq."* L-imputat Caruana jissottometti wkoll li l-kont kellu facilita ta' overdraft, u kien il-Bank li b'mod imprevist regga' lura l-facilita li kien ikkonceda, b'dannu ghal Maltapost.

Il-Qorti se tibda bl-ahhar sottomissjoni u cioe dik li l-kont kellu facilita ta' overdraft. Il-Qorti diga ikkonkludiet ghar-ragunijiet moghtija iktar il-fuq, li dan assolutament ma jirrizultax mill-provi, u l-imputat Caruana ma ressaq l-ebda prova in sostenn ta' din is-sottomissjoni tieghu.

In rigward is-sottomissjonijiet l-ohra tieghu, u bazikament li hu kien ihalli kollox f'idejn l-imputat Grech, u sahansitra jiffirmalu c-cekkijiet in bjank u ma ma kien jaf xejn x'inhu jigri qabel saret il-laqgha mal-Bank, il-Qorti taghmel dawn l-osservazzjonijiet:

1. l-imputat Caruana mhux biss kien firmatarju taz-zewg kontijiet in kwistjoni, izda wkoll kien il-kaxxier tas-Socjeta Filarmonika Lourdes. Dan ipoggi fuqu oneru ikbar, biex joqghod attent x'qed jigri bil-flus tas-socjeta.

2. Fix-xhieda tieghu, l-imputat Caruana jghid li hu kien konsapevoli li l-finanzi tas-Socjeta kienu f'qaghada prekarja, u li s-Socjeta kienet ghada ghaddejja ghaliex l-imputat Grech kien regolarment jiddepozita minn flusu fil-kont tas-Socjeta. Huwa fil-fatt iffirma l-konteggi tas-socjeta ghax-xahar ta' Awissu 2008, li minnu jidher li matul dak ix-xahar, l-impuat Grech kien iddepozita minn flusu l-ammont ta' €4461.34 fil-kont tas-Socjeta, u li dak ix-xahar is-Socjeta ghamlet qliegh ta' €115.00 biss.[43] In oltre fix-xhieda tieghu, l-imputat Caruana jghid li kien konsapevoli ghal fatt li s-Socjeta qed tidhol fi spejjez li ma kinietx tlahhaq ghalihom.[44]

[42] Ara fol. 291.
[43] Ara Dok MMC 3 a fol. 377 tal-process.
[44] Ara fol. 319.

3. F'dawn ic-cirkostanzi, huwa mhux biss inverosimili, izda lanqas huwa kredibbli, anke jekk wiehed ma jiehux inkonsiderazzjoni li l-imputat Grech hu avukat, l-imputat Caruana kien qed jiffirma regolarment ghexieren ta' cekkijiet in bjank lill-imputat Grech fi zmien tant qasir, b'ghajnejh maghluqa u minghajr ma jitolbu ebda sodisfazzjon ghalfejn kienu qed jigu uzati dawk ic-cekkijiet kollha. Pero anke jekk, ghall-grazzja tal-argument biss, din il-Qorti kellha taccetta *a bocca baciata* dak li qed jallega l-imputat Caruana, dan ikun ifisser biss li l-imputat Caruana abdika totalment mid-doveri tieghu kemm bhala firmatarju tal-kontijiet kif ukoll bhala kaxxier, u kien qed jiffirma ghexieren ta' cekkijiet bl-addocc, f'cirkostanzi li kienu jindikaw b'mod car li qed isir abbuz minn dawk ic-cekkijiet. Tali agir certament jammonta ghal *dolo.* Pero tant dan li qed jallega l-imputat Caruana mhux vera, li l-imputat stess fix-xhieda tieghu qal li hu kien jara l-istatements tal-bank fil-bidu u fl-ahhar tax-xahar.[45] Ladarba dan hu hekk, huwa impossibbli li l-imputat Caruana ma ndunax il-mod xejn regolari li bih kien qed jitmexxa l-kont fix-xhur ta' Novembru u Dicembru, u li f'dawn ix-xhur gew depozitati eluf ta' Euro permezz ta' money orders, u li kien qed jigu *overdrawn* b'eluf ta' Euro. Pero minkejja dan kollu, l-imputat Caruana ghazel li ma jaghmel xejn, u jibqa' jiffirma c-cekkijiet.

4. L-allegazzjoni tal-imputat Caruana li l-problema mertu tal-kaz odjern inhmiet fi zmien hdax-il jum, u allura ma kellux cans jara l-istatements bankarji hija wahda disingenjuza. Il-problema kienet ilha qed tinhema minn Novembru 2008, u jekk kien qed jara l-kontijiet tal-bank kull bidu u l-ahhar tax-xahar kien jinduna b'dan, kif kien jinduna li l-kont kien qed jigi regolarment overdrawn b'eluf kbar. In oltre, kuntrarjment, ghal dak li xehed u li qal fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, l-imputat Caruana kien jaf bil-problema tal-money orders u li l-Maltapost ma kinietx qed tithallas, qabel il-laqgha li l-imputati kellhom mal-Bank fid-19 ta' Jannar 2009. Dan jirrizulta mill-ittra li l-imputat Caruana baghat lil Maltapost bhala avukat in rapprezentanzi tas-Socjeta Filarmonika Lourdes fil-15 ta' Jannar 2009 – cioe qabel il-laqgha mal-Bank. Din il-Qorti diga ghamlet referenza ghal din l-ittra iktar il-fuq f'din is-sentenza. F'din l-ittra, imputat Caruana talab laqgha bejn is-Socjeta u l-Maltapost sabiex jinstab rimedju ghal kwistjoni li *"regolarment dawn l-ahhar xhur li [d-dirigenti tas-Socjeta] talbu hrug ta' money*

[45] Ara fol. 299 tal-process.

*orders mill-Maltapost p.l.c. u li dwar dawn il-money orders inhargu cekkijiet kontra taghhom mic-cheque book tas-Socjeta tal-APS Bank u li dawn ma gewx onerati."*[46] In oltre, fl-istess gurnata, cioe fil-15 ta' Jannar 2009, l-imputat Caruana baghat ittra lil Bank APS bhala avukat tal-istess socjeta[47] – liema ittra giet ipprezentata mill-imputat Grech, izda ma giet bl-ebda mod kontestata mill-imputat Caruana – fejn qal hekk:

*"Il-money orders kienu qeghdin jinhargu biex fil-kontijiet bankarji tas-Socjeta ikun hemm fondi bizzejjed biex ikunu jistghu jithallsu l-ammonti ta' flus li jkollhom jithallsu minn zmien ghal zmien dwar spejjez li s-Socjeta tkun inkorriet u jkunu inhargu cekkijiet li jkopru dawn l-ispejjez.*

*Illi meta inhargu c-cekkijiet favur il-Maltapost p.l.c. id-dirigenti tas-Socjeta kien jidhrilhom li fondi bizzejjed fil-kontijiet kien hemm biex jaghmlu tajjeb ghal dawn ic-cekkijiet mir-ricerki li kienu jsiru gurnata wara ohra. Izda gara li meta gew biex jiddepozitaw fis-7 ta' Jannar ta' din is-sena l-money orders, il-Bank fuq imsemmi kien hareg notice li l-money orders iridu jkunu taht il-mitt Ewro. Ghalhekk meta gew biex jiddepozitaw il-money orders il-bank irrifjuta illi jzommhom u minn hemm bdiet il-problema fuq il-kontijiet tas-Socjeta fejn ma kienx qed ikun hemm ammonti bizzejjed biex ikopru c-cekkijiet li kellom jithallsu."*

Ma ngabet l-ebda tracca ta' prova f'dawn il-proceduri, lanqas fix-xhieda tal-imputat Caruana stess, sabiex tikkorrobora l-allegazzjoni kontenuta fl-ahhar paragrafu citat tal-ittra tieghu.

5. *Ex abbundantia*, il-Qorti tirrileva li kieku kien vera li l-imputat Caruana ma kienx jaf x'qed isir bix-xiri u tisrif tal-money orders u li allura l-imputat Grech abbuza mill-fiducja tieghu meta iffirmalu c-cekkijiet in bjank, kif qieghed jghid – apparti li anke jekk inhu veru l-agir tal-imputat Grech xorta fic-cirkostanzi hu wiehed doluz ghar-ragunijiet fuq spjegati – certament l-imputat Caruana ma kienx sejjer imbaghad jidhol responsabbli personalment bhala garanti ghal hlas tad-dejn dovut lill-Maltapost fuq l-att pubbliku ta' kostituzzjoni ta' debitu li sar fit-18 ta' Settembru 2009,[48] meta diga kienu gew istitwiti l-proceduri kriminali odjerni. Ghalkemm fix-xhieda tieghu jallega li huwa ffirma dan il-kuntratt taht pressjoni mill-Maltapost, huwa jammetti wkoll li qatt

[46] Ara Dok LC 1 a fol. 608 tal-process.
[47] Ara Dok JG10 a fol. 535 tal-process.
[48] Ara Dok AZA1 a fol. 76 tal-process.

ma istitwixxa proceduri biex jannulla dan il-kuntratt. Certament dan l-agir mhux kompatibbli ma' dak ta' persuna li ssib ruhha involuta f'kaz ta' truffa, meta hi stess tkun giet ingannata.

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, il-Qorti hija tal-opinjoni, li l-Prosekuzzjoni ippruvat sal-grad rikjest fil-kamp kriminali, li l-imputat Caruana kien ko-awtur tar-reat ta' truffa in kwistjoni.

*Fir-Rigward tal-imputat Vincent Farrugia*

L-imputat Farrugia ukoll dahal fil-Kumitat u sar President tas-Socjeta Filarmonika Lourdes fl-2007. Huwa xehed li hu bniedem illitterat, ghalkemm jaf jiffirma. Jghid li hu kien President biss ghall-isem, ghax l-amministrazzjoni tas-Socjeta kienet kollha f'idejn l-imputat Grech, u hu kien jiffirma kulma Grech jghidlu biex jiffirma minghajr mistoqsijiet. Hu xehed li dejjem iffirma c-cekkijiet tas-socjeta in bjank, u ma kienx jistaqsi ghalfejn kienu dawk ic-cekkijiet. Jghid ukoll li ma kellux idea li kienu qieghdin jinxtraw money orders, u qatt ma kellu x'jaqsam fix-xiri u t-tisrif taghhom. Bhaz-zewg imputati l-ohra, huwa jallega li l-kont tas-Socjeta kellu facilita ta' overdraft, u l-Bank qabad u waqqafhom arbitrarjament.

Din il-Qorti diga spjegat ghalfejn is-sottomissjoni li l-kont kellu facilita ta' overdraft ma tirrizultax mill-provi, u ghalhekk din is-sottomissjoni hija infondata.

Tenut kont li l-imputat jghid li hu bniedem illiterat – ghalkemm ma ngabet l-ebda prova indipendenti li huwa tassew illitterat u certament jaf jiffirma b'mod normali – il-Qorti kienet tiehu bis-serjeta s-sottomissjoni tal-imputat Farrugia li hu ma kellux il-*mens rea* li jqarraq bil-Maltapost, kieku mill-provi ma irrizultax li:

1. L-imputat Farrugia kien qed jiffirma regolarment ghexieren ta' cekkijiet in bjank lill-imputat Grech fi zmien tant qasir, b'ghajnejh maghluqa u minghajr ma jitolbu ebda sodisfazzjon ghalfejn kienu qed jigu uzati dawk ic-cekkijiet kollha. Ghalkemm jista' jkun vera li l-imputat hu illitterat, pero dan ma jfissirx li ma ghandux l-esperjenza tal-hajja, stante li huwa kellu 62 sena meta sehh il-kaz de quo. Lanqas jirrizulta li l-imputat Farrugia ghandu xi forma ta' inkapacita mentali. Fil-fatt, il-Psikjatra Dottor George

Debono, mahtur minn din il-Qorti ikkonkluda li ghandu *"intellett normali u l-gudizzju tieghu kien korrett."*[49] Certament ma huwiex kredibbli li l-imputat Farrugia accetta li jiffirma il-fuq minn tlett mitt cekk in bjank f'temp ta' ftit gimghat, u genwinament emmen li dawn ic-cekkijiet kollha qieghdin imorru biex ihallsu xi haddiema li kienu qed jaghmlu xi benefikati fil-kazin tas-Socjeta u biex jinxtraw xi affarijiet ghal kazin. L-imputat Farrugia xehed li huwa kellu cheque book personali qabel, u mid-domandi li sarulu jirrizulta li jaf sew kif jithaddem, ghax kif qal hu stess, sabiex l-ammont indikat fic-cekk jittiehed mill-kont, *"irid ikollok"* il-flus fil-kont l-ewwel.[50] Pero, kif diga inghad anke jekk, ghall-grazzja tal-argument biss, din il-Qorti kellha taccetta *a bocca baciata* dak li qed jallega l-imputat Farrugia, dan ikun ifisser biss li l-imputat Farrugia abdika totalment mid-doveri tieghu kemm bhala firmatarju tal-kontijiet kif ukoll bhala President, li jivverifika li kien hemm effettivament fondi fil-kont bizzejjed sabiex jonoraw il-kontijiet li kien qed jiffirma. Hu kien qed jiffirma ghexieren ta' cekkijiet bl-addocc, f'cirkostanzi li kienu jindikaw b'mod car li qed isir abbuz minn dawk ic-cekkijiet. Dan l-agir hu wiehed doluz.

2. Mill-provi irrizulta li zewg money orders in kwistjoni, fl-ammont ta' €580 kull wiehed, inhargu fuq l-imputat u dawn issarfu minnu personalment.[51] Huwa jghid li dawn il-money orders mar issarrafhom il-posta wahdu, u l-flus tahom lill-imputat Grech. Qatt ma staqsa lill-imputat Grech ta' x'hiex kienu dawk il-flus ghax fi kliemu *"ma kienx jinteressani jiena ghal xiex"*.[52] Din ix-xhieda tal-imputat Farrugia m'ghandhix mis-sewwa u mhix kredibbli, u din il-Qorti, qed tghidu ghax semghet lill-imputat jixhed quddiemha, u kellha l-opportunita tezamina l-komportament tieghu. Hu ovvju li f'dawn il-proceduri, l-imputat qed jipprova jikkapitalizza mill-fatt li jghid li huwa illiterat, biex jikkomforta l-allegazzjoni tieghu li hu ma jifhem f'xejn, u kien jaghmel dak li jghidlu l-imputat Grech b'ghajnejh maghluqa.

3. Kif il-Qorti osservat fil-konfront tal-imputat Caruana, li kieku kien vera li l-imputat Farrugia ma kienx jaf x'qed isir bix-xiri u tisrif tal-money orders u li allura l-imputat Grech abbuza mill-fiducja tieghu meta iffirmalu c-cekkijiet in bjank, kif qieghed jghid – apparti li anke jekk inhu veru l-agir tal-imputat Farrugia xorta fic-cirkostanzi hu

---

[49] Ara fol. 215 tal-process.
[50] Ara fol. 224 – 228 tal-process.
[51] Ara Dok AG8 a fol. 48 tal-process.
[52] Ara fol. 239 tal-process.

wiehed doluz ghar-ragunijiet fuq spjegati – certament l-imputat Farrugia ma kienx sejjer imbaghad jidhol responsabbli personalment bhala garanti ghal hlas tad-dejn dovut lill-Maltapost fuq l-att pubbliku ta' kostituzzjoni ta' debitu li sar fit-18 ta' Settembru 2009,[53] meta diga kienu gew istitwiti l-proceduri kriminali odjerni. Certament ma hix kredibbli x-xhieda tieghu li iffirma dan il-kuntratt minghajr ma kien jaf x'qed jiffirma.[54] Fl-ewwel lok, kellu hin bizzejjed biex jiehu parir legali qabel jiffirmah, u fit-tieni lok ma saret l-ebda allegazzjoni li hu qatt istitwixxa xi proceduri biex jannulla dak il-kuntratt.

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, il-Qorti hija tal-opinjoni, li Prosekuzzjoni ippruvat sal-grad rikjest fil-kamp kriminali, li l-imputat Farrugia kien ko-awtur ukoll tar-reat ta' truffa in kwistjoni.

*Ir-Reat ta' Frodi Innominata*

La darba din il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni l-imputati huma hatja ta' truffa ai termini tal-Artikolu 308 tal-Kodici Kriminali, hija se tastjeni milli tikkunsidra jekk l-imputati humiex hatja tal-imputazzjoni ta' frodi innominata taht l-Artikolu 309 tal-Kodici Kriminali, stante li dan ir-reat huwa kompriz u involut f'dak tat-truffa.

*Reat Kontinwat*

Fin-nota ghar-rinviju ghall-gudizzju, l-Avukat Generali indika li fl-opinjoni tieghu huwa applikabbli l-Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali, u cioe li r-reat kien wiehed kontinwat. L-Artikolu 18 jippreskrivi hekk:

*"Meta d-diversi atti maghmulin mill-hati, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi jew disposizjonijiet relatati tal-ligi, u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed, imsejjah reat kontinwat, izda l-piena tista' tizdied minn grad sa tnejn."*

---

[53] Ara Dok AZA1 a fol. 76 tal-process.
[54] Ara fol. 164 tal-process.

Fil-kaz odjern, irrizulta ampjament li t-tlett imputati flimkien iffirmaw tlettax (13)-il cekk, fil-waqt li l-imputati Grech u Caruana wahedhom iffirmaw zewg (2) cekkijiet ohra, biex jinxtraw money orders, meta kienu jafu, jew messhom kienu jafu, li ma kienx hemm fondi bizzejjed fil-kont biex dawk ic-cekkijiet jigu onorati mill-bank. Ghalkemm whud minn dawk ic-cekkijiet igibu l-istess data, u mill-provi jirrizulta li l-imputati Caruana u Farrugia kienu jiffirmaw numru ta' cekkijiet f'daqqa, pero certament id-diskrepanza qawwija bejn in-numri tac-cekkijiet (minn 953 sa 1034) tas-Socjeta Filarmenika Lourdes teskludi li l-imputati, jew xi wiehed minnhom, iffirmaw iktar minn tmenin (80) cekk f'okkazjoni wahda. Barra minn hekk, l-imputati Grech u Caruana wahedhom iffirmaw zewg cekkijiet ta' kont iehor tal-Ghaqda Muzikali Santu Wistin. Ghalhekk, gie debitament ippruvat li dawn ic-cekkijiet gew iffirmati fi zminijiet differenti.

In oltre gie ippruvat ukoll li dawn ic-cekkijiet gew iffirmati bl-intenzjoni li jaghmlu qliegh illecitu ghad-dannu tal-Maltapost. Konsegwentement ir-rekwiziti preskriti fl-Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali gew debitament ippruvati.

## Konsiderazzjonijiet dwar il-Piena

Fir-rigward tal-piena, il-Qorti ikkunsidrat li mill-provi jirrizulta li t-tlett imputati iffirmaw tlettax (13)-il cekk mill-kont tas-Socjeta Filarmonika Lourdes li ma gewx onorati fl-ammont totali ta' €26,844.00, filwaqt li l-imputati Josef Grech u Omar Caruana iffirmaw zewg cekkijiet ohra tal-Ghaqda Muzikali Santu Wistin fl-ammont totali ta' €9,308.00, li ma gewx onorati. Ghalhekk l-imputati Josef Grech u Omar Caruana iffirmaw komplessivament cekkijiet f'total ta' €36,152.00 li ma gewx onorati.[55]

Meta rrealizzat x'kien qed jigri, il-Maltapost, ghamlet stop payment fuq il-money orders li kienu inxtraw b'dawn ic-cekkijiet u li kienu ghadhom ma gewx imsarrfa. In oltre, l-imputati irritornaw money orders mixtrija qabel it-3 ta' Jannar 2009, b'cekkijiet li kienu issarfu, biex inaqqsu l-ammont dovut.[56] Konsegwentent, it-telf ahhari li sofriet il-Maltapost kien ta' €20,223.00, li baqa' ma giex irkuprat.[57]

---

55 Ara Dok. AG7 a fol. 48 u x-xhieda ta' Joseph Camilleri a fol. 57 *et seq.* tal-process, u Dok AZA 3 a fol. 97 tal-process u x-xhieda ta' Dr. Aaron Zammit Apap a fol. 92 *et seq.* tal-process.
56 Ara x-xhieda ta' Dr. Aaron Zammit Apap a fol. 70 tal-process.
57 Ara Dok. AG8 a fol. 48 u x-xhieda ta' Joseph Camilleri ta' Joseph Camilleri a fol. 61 tal-process u Dok AZA 4 u x-xhieda ta' Dr Aaron Zammit Apap a fol. 92 *et seq.* tal-process.

Mid-dokumenti ezebiti, jirrizulta li l-ebda wahda mill-money orders li nxtraw biz-zewg cekkijiet mahruga mill-Ghaqda Muzikali Santu Wistin ma gew imsarrfa. Konsegwentement, l-ammont €20,223.00 jirraprezenta d-danni sofferti ghal hrug ta' cekkijiet mahruga mill-kont tas-Socjeta Filarmonika Lourdes biss.[58] Pero l-imputati ma hallsu xejn minn dan l-ammont.[59]

L-unika ammont li thallas huwa dak ta' €251.75 minn Joanne Pace, kaxxiera tal-Maltapost. Dan l-ammont jirrapprezenta t-telf li l-istess socjeta garrbet stante li din l-impjegata naqset li tosserva ir-regolamenti tal-istess socjeta.[60] Ghalhekk l-ammont ta' telf li soffriet il-Maltapost huwa ta' €19971.25. Dan l-ammont certament m'huwiex wiehed negligibbli.

Issa jirriżulta li bejn id-dati li fihom sehh ir-reat kontinwat ta' truffa sal-lum, kien hemm tibdil fl-Artikoli 308 u 310, fejn inbidlu mhux biss il-kriterja tal-ammonti (ossia l-*brackets* tal-*minimum* u l-*maximum* tal-ammont truffat) iżda wkoll ġew imħarxin il-pieni skont dawn il-*brackets* il-ġodda. Il-Qorti se tapplika l-pieni li huma l-aktar favorevoli għall-imputati – u cioe dawk fis-sehh qabel il-bidla fil-ligi, u dan skont il-prinċipju li meta jkun hemm bidla fil-liġi, il-piena li għandha tingħata lill-ħati għandha tkun dejjem dik l-aktar vantaġġjuża għalih.

Jibqa' pero l-fatt li għar-reati ta' truffa kommessi mill-imputati, anke bil-liġi l-aktar vantaġġjuża, dawn iġibu magħhom massimu ta' seba' snin priġunerija għal kull reat ta' truffa (a differenza tal-ammont massimu ta' disa' snin priġunerija bil-liġi attwali). Dan ghaliex tlieta mic-cekkijiet li ma gewx onorati jaqbzu s-somma ta' €2,329.37, kontemplata fl-Artikolu 310(1)(a) tal-Kodici Kriminali. Ladarba irrizulta li dan ir-reat kien wiehed kontinwat, il-piena tista' tizdied bi grad jew tnejn skont l-Artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali. Skont l-iskajjel tal-pieni taħt l-Artikolu 31 tal-Kodiċi Kriminali, dan iwassal għal piena massima ta' tnax il-sena priġunerija.

Fl-opinjoni tal-Qorti, l-piena idonea ghal kaz odjern hija dik ta' prigunerija effettiva, tenut kont li l-ammont ta' dannu li sofriet il-Maltapost konsegwenza tal-agir taghhom huwa wiehed konsiderevoli, u matul dawn is-snin kollha, l-imputati ma hallsu xejn mill-ammont minnhom

[58] Ara Dok. AZA 4 a fol. 98 tal-process.
[59] Ara xhieda ta' Dr. Aaron Zammit Apap a fol. 70 *et seq.* tal-process.
[60] Ara Dok JG14 a fol. 557 tal-process, u x-xhieda ta' Ronald Bonnici u d-dokumenti minnu ezebiti a fol. 614 *et seq.* tal-process.

dovut. Il-Qorti hija konsapevoli tal-fatt li l-imputat Farrugia huwa ragel anzjan u ghandu diversi komplikazzjonijiet ta' sahha – pero il-fatt wahdu ma jezonerahx milli jkollu piena karcerarja effettiva.

Pero, il-Qorti hija tal-opinjoni li t-terminu ta' prigunerija m'ghandux ikun l-istess ghall-imputati kollha, izda ghandu jigi ikkalibrat tenut kont li l-imputat Vincent Farrugia iffirma zewg cekkijiet inqas miz-zewg imputati l-ohra, kif fuq spjegat, kif ukoll tenut kont tal-fedina penali rispettiva taghhom.

Skond il-fedina penali aggiornata tal-imputat Josef Grech, huwa ghandu ghaxar kundanni ghal diversi reati, li fosthom erba' kundanni huma ghal truffa, kundanna ghal serq ta' chequebook u falsifikazzajoni, u kundanna ghal ksur tal-ligijiet dwar is-sewqan. Huwa inghata diversi opportunijiet minn dawn il-Qrati, inkluz, liberta kondizzjonata u sentenza ta' habs sospiza, izda jidher car li l-imputat ma jridx jitghallem mill-izbalji tieghu u jitbieghed mit-triq tal-kriminalita. Fil-fatt huwa inghata anke piena ta' habs effettiv. Huwa indikattiv li hafna mill-kundanni, inkluzi dawk ta' truffa gew kommessi, wara li gew intavolati dawn il-proceduri.

Mill-fedina penali aggornata tieghu jirrizulta li l-imputat Omar Caruana ghandu fedina penali netta. Min-naha l-ohra, dan l-imputat huwa avukat, u jezercita professjoni li hi bbazata fuq il-fiducja tal-pubbliku.

L-imputat Vincent Farrugia instab hati disa' darbiet minn dawn il-Qrati. Hamsa minnhom huma kundanni ghal reati minuri relatati mal-ligjiet tas-sewqan, kundanna li naqas li jobdi ordnijiet tal-Pulizija, kundanna li kkaguna ferita hafifa fuq persuna, u kundanna ghal truffa. Huwa sinifikanti li l-ahhar reat ta' truffa gie kommess wara li gew intavolati dawn il-proceduri, u jirrigwarda wkoll is-Socjeta Filarmonika Lourdes.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. Wara li rat l-Artikoli 18, 308 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif kienu vigenti fiz-zmien li sehhew ir-reati, issib lit-tlett imputati hatja tar-reati fihom kontemplati, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, tikkundanna lill-imputat Josef

Grech ghal piena ta' erba' (4) snin prigunerija effettiva, lill-imputat Omar Caruana ghal piena ta' tlett (3) snin prigunerija effettiva u lill-imputat Vincent Farrugia ghal piena ta' sentejn (2) prigunerija effettiva.

2. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-imputazzjoni tar-reat kontemplat fl-Artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Ai termini tal-Artikolu 532A tal-Kodiċi Kriminali magħqud mal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lil ħatja sabiex iħallsu *in solidum* is-somma ta' dsatax-il elf, disa' mija u wiehed u sebghin Euro u hamsa u ghoxrin centezmu (€19971.25) lis-socjeta Maltapost p.l.c.

4. Fl-ahharnett tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata mir-Registratur lis-Segretarju tal-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja u lis-Segretarju tal-Kamra tal-Avukati.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**